MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 301/2015

**Pierre Balzan fl-isem u fl-interess**

**ta' *Melita Marine Limited***

**(C – 24026)**

**vs**

***DOA Charter Limited***

**(C – 53090)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` kif rapprezentata mir-rikorrenti *nomine* rrendiet diversi servizzi lis-socjeta` intimata kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur;

1.2. Illi l-kaptan tal-bastiment A.D.O. hemm ukoll indikat, li tieghu is-socjeta` intimata hi l-proprjetarja, dejjem irrikonoxxa l-imsemmija servizzi;

1.3. Illi l-istess kaptan indikat dejjem iddikjara li l-istess servizzi kienu ser jithallsu kif dovut, (ara foll 5);

1.4. Illi l-ammont dovut mis-socjeta` intimata lil dik rapprezentata mir-rikorrenti *nomine* hu ta' erbatax -il elf, mija u sitta u sebghin Ewro u tmienja u sittin centezmu, (€14,176.68);

1.5. Illi *nonostante* li interpellata, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.6. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-artikli 167 – 170 tal-Kap 2 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.7. Illi s-socjeta` intimata m'ghandiex eccezzjonijiet x'tipprezenta;

1.8. Illi d-debitu in dizamina hu cert, likwidu u dovut;

1.9. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti *nomine* jitlob li din il-qorti:

1.9.1. Tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

1.9.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrenti *nomine* is-somma dovuta minnha fuq indikata;

1.9.3. Bl-ispejjez u bl-interessi skont il-ligi;

2. Tirrileva li s-socjeta` intimata giet debitament notifikata skont il-ligi;

3. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu awtorizzat lis-socjeta` intimata biex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha;

4. Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti jirrikonferma bil-gurament it-talbiet minnhu indikati fir-rikors guramentat promotur;

Ikkunsidrat:

5. Tirrileva li t-terminu stabbilit lis-socjeta` intimata biex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha ghaddha inutilment;

6. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* pprova l-kaz tieghu skont il-ligi;

**DECIDE:**

7.0. Illi konsegwentement, din il-qorti:

7.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata *DOA Charter Limited* biex thallas lir-rikorrenti Pierre Balzan *nomine* is-

somma ta’ erbatax -il elf, mija u sitta u sebghin Ewro u tmienja u sittin centezmu, (€14,176.68);

7.2. Bl-ispejjez, u bl-interessi legali dovuti mis-27 ta’ Marzu, 2015, sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-istess socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------